MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1035/2009

**Anthony Aquilina (K.I. 269468M)**
**Vs**
**Christopher Sare'**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, mija, sebgha u erbghin ewro (€1147) rapprezentanti xoghol ta' mekkanik u spejjez ohra li l-attur ghamel lill-konvneut fuq vettura Land Rover 109, proprjeta' ta' l-istess konvenut.

Illi minkejja interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, wara x-xoghol imsemmi, sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi qabel xejn l-attur irid jipproduci rcevuti bil-VAT imhallsa peress li l-hlasijiet li saru s'issa kienu jinkludu l-VAT u ghalkemm intalbet ircevuta ghal diversi drabi dan ma nghatatlux. Illi l-ammont reklamat, mhux dovut u fadal biss bilanc ta' circa €300 mill-prezz miftiehem, originarjament u skont l-istima originali li fuqha l-istess attur inghata l-inkarigu mertu tal-kawza u liema ammont bilancjali gie mizmum minhabba xoghol hazin;

Illi di piu kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza, ix-xogholijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u *per di piu* x-xoghol mhuwiex komplut.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Aquilina u Rocco sive Ronnie Galea, kif ukoll ix-xhieda u affidavit ta' Christopher Sare' .

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ikkonsenja lill-attur vettura, ta' circa tletin sena, tal-mark Land Rover 109, proprjeta' tieghu stess, ghat-tiswija u renovazzjoni. Illi jirrizulta li l-attur huwa mekkanik li jispecjalizza f'dan it-tip ta' vetturi. Jirrizulta li fil- 5 ta' Settembru, 2008 il-konvenut kien iffirma fattura numerata 165, li fil-fatt kienet stima ghal xogholijiet fuq il-vettura ta' tip Land Rover li ma kelliex 'number plates' liema xogholijiet kienu ha jiswew ' elfejn, mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2178.55). Il-konvenut kien hallas depozitu ta' €700 fuq l-istima/fattura tal-5 ta' Settembru, 2008 ghal dawn ix-xoghlijiet u skont il-konvenut huwa kien baqalu jaghti lill-attur €1478.55 .

Illi rrizulta li sena wara u cioe' f'Awwissu, 2009 ix-xogholijiet gew kompletati mill-attur izda l-ispejjez kienu zdiedu bis-somma ulterjuri ta' €815. B'kollox, ir-

renovazzjoni tal-vettura giet tiswa €2993 li minnhom kienu thallssu €700 bhala depozitu u sa Awwissu, 2009 l-konvenut kellu jaghti lill-attur s-somma ta' €2293 ghax-xogholijiet miftiehma minn qabel u ghal dawk allegatament ordnati ulterjorment. F'Awwissu, 2009 l-attur ikkkonceda lill-konvenut li jhallas is-somma ta' €2293 f'zewg pagamenti ta' €1147 kull wiehed. Illi l-ewwel pagament kien thallas sad-9 ta' Awwissu, 2009 izda t-tieni pagament fl-istesss ammont baqa' ma thallasx mill-konvenut ghaliex kien qallu li ma kienux dovuti minhabba li x-xogholijiet ma kienux saru sewwa.

It-Tribunal jirrileva li f' Settembru, 2008 l-partijiet kienu ftehmu fuq somma u l-konvenut hallas depozit ta' €700 u b'hekk kien baqalu jhallas €1478.55 wara li jkunu kompletati x-xogholijiet miftiehma. Illi jirrizulta li f'Awwissu, 2009 il-konvenut kien iffirma fattura ohra numerata 186 fejn gie indikat illi b'kollox, wara li jitnaqqsu €700 li kien hallas il-konvenut bhala depozitu, il-kont ahhari kien ta' €2293.50 li gie maqsum f'zewg pagamenti.

Illi t-talba odjerna hija ta' €1147, li hija d-differenza bejn dak li kien fadallu jaghti l-konvenut fuq l-istima originali u l-kont ulterjuri tal-2009 ta' €815.

Illi mill-provi tal-konvenut jirrizulta li huwa dispost ihallas lill-attur €70 mill-€815 rikjesti ulterjorment mill-attur u dan ghal *sheeting* fuq l-*insulation.* Illi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut jirrizulta li l-konvenut accetta li mit-talba huwa kellu jaghti s-somma ta' €300 u dan skont il-fattura originali u ghalhekk il-kontestazzjoni da parti mill-konvenut fuq il-kwantum hija ta' circa €770 filwaqt il-kontestazzjoni fil-mertu hija li x-xogholijiet ma gewx kompletati u/jew li ma sarux skont is-sengha u l-arti.

It-Tribunal ra li l-attur ma kienx hareg ricevuta fiskali ghaliex ried johrog ricevuta biss wara li jithallas il-kont finali. It-Tribunal huwa sodisfatt b'din l-ispjegazzjoni.

Intqal mill-attur illi l-konvenut kien jaf illi t-tiswijiet fuq il-vettura, li kienet wahda antika kienet ha tigi tiswa' xi €800 ohra, izda l-konvenut ma kienx waqqfu milli jkompli bix-

xoghlijiet. Spjega ukoll illi l-vettura ghalkemm kien gabha tahdem kellha tigi ittowjata ghaliex il-vettura ma kellhiex *number plates* u ghaldaqstant ma setghetx tinsaq fit-triq u mhux ghaliex il-vettura kellha problemi mekkanici. Illi l-kont tal-attur huwa kemm ghal *parts* u kemm ghal *labour*. Illi l-vettura li kellu jsewwi l-attur ma kienetx *road worthy* meta ngabet ghandu, izda huwa bhala bniedem tas-sengha wettaq l-inkarigu moghti lilu w fil-fatt din il-vettura giet tahdem.

Mill-provi tal-konvenut huwa qal illi mhuwiex minnu li huwa kien ftiehem ghal xoghlijiet ulterjuri fuq il-vettura. Qal ukoll illi huwa kien iffirma l-istima numru 186 ghaliex kien gie mhedded mill-attur. It-Tribunal jirrilleva illi dak inhar huwa ma kienx ghamel rapport lill-pulizija. Il-konvenut xi gimghat wara gie mhedded mill-attur ghaliex il-konvenut ma riedx ihallsu ghaliex skont il-konvenut ix-xoghlijiet ma kienux saru sewwa, u fil-pront mar jirraporta lill-attur lill-pulizija. Illi l-ilmenti ewlenija tal-konvenut dwar xoghlijiet hziena, kienu li l-pajpijiet li gew iffitjati mal-*cooler* tar-*radiator* ma kienux iffitjati izda fi stadju ulterjuri tal-kawza huwa pprezenta lmenti ohra.

Illi mill-provi ta’ l-attur sema’ lill-Rokku sive Ronnie Galea jispjega kif il-vettura apparteneti lill-konvenut kien bnieha mill-gdid l-attur u li kien gieli jmur jixtrilu xi *parts*, ghal din il-vettura.

Illi skont l-attur ix-xoghlijiet ulterjuri maghmula wara l-istima/fattura mahruga f’Settembru tal-2008 numru 165, huwa kellu jaghmillu *sound proofing, cooler* fir-radiator u kellu jaghmel xi xogholijiet ghall-*axle* tal-vettura. Qal ukoll illi x-xoghlijiet zejda kienu kollha approvati mill-konvenut izda meta tah il-kont finali l-konvenut ma qabilx ma’ l-ammont. Intqal ukoll mill-attur li meta wiehed jiehu inkarigu tat-tip li ha mill-konvenut, ma setghax jaghti stima kompluta ghaliex qatt ma jista’ jaf x’ser isib izda, seta’ jaghti stima indikattiva. Illi tant hu hekk, li tul il-perjodu li l-vettura kienet ghand l-attur il-konvenut kien gieli jzur l-andament tax-xoghlijiet tal-attur fuq il-vettura w kien jara li x-xoghol kien qieghed jizdied izda qatt ma waqqaf lill-attur milli jkompli bix-xogholijiet ulterjuri.

It-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn il-kontestazzjoni ewlenija hija li x-xogholijiet ma kienux gew kompletati sewwa w illi l-ammont mitlub jeccedi l-ammont miftiehem originarjament. Illi l-konvenut ammetta biss illi wara l-ftehim tal-2008 huwa kien ftiehem biss li tigi ffitjata *sheeting* fis-somma ta'€70 izda qal li ma kienx ftiehem ghax-xoghlijiet l-ohra indikati mill-attur.

Wara li sema' w evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu t-Tribunal huwa sodisfatt illi x-xogholijiet imwettqa mill-attur kellhom isiru w saru bil-kunsens tal-konvenut meta huwa kien izur l-andament tax-xoghlijiet fuq il-vettura.  Izda ghalkemm l-ammont fit-talba huwa ta' *parts* u *labour* it-Tribunal qatt ma ra ricevuti tal-*parts* imsemmija ghat-tiswijiet ta' din il-vettura. It-Tribunal jifhem illi x-xogholijiet bhal dawk ta' mekkanik li jibni vettura mill-gdid ftit li xejn jista'jipproduci ricevuti ghaliex fil-maggor parti tal-kazijiet meta wiehed jibni fuq l-antik xi *parts* jittiehdu anki minn vetturi ohra.  It-Tribunal jifhem ukoll illi xoghol tat-tip li ghamel l-attur jirrikjedi hafna hin u loghob. Jifhem ukoll illi mill-provi, l-konvenut kien iffirma l-fattura fejn kien fadallu jhallas fis-somma ta' €1147 izda l-konvenut ma hallasx ghaliex qal illi x-xoghlijiet ma gewx kompletati sewwa u lanqas ma kienu skont il-ftehim originali.  It-Tribunal ghandu quddiemu fattura ta' kont iffirmat mill-konvenut li l-konvenut qal li kien iffirma taht theddid.

Mill-provi, lit-Tribunal ma jirrizultalux illi l-konvenut ipprova li x-xoghlijiet ma gewx kompletati sewwa w lanqas illi huwa ma kienx qabel mal-kont ahhari pprezentat mill-attur. Jifhem ukoll illi bhalma l-konvenut ghamel rapport lill-pulizija meta safa' mhedded mill-attur sabiex ihallsu, huwa seta' facilment jaghmel rapport meta hass ruhu mhedded meta kellu ta' bilfors jiffirma l-fattura li indikat li jkellu jhallas fi-somma ta' €2293 u jumejn wara kien mar ihallas l-ewwel pagamanet ta' €1147 izda baqa' ma hallasx il-kumplament.  It-Tribunal jifehm ukoll illi meta l-konvenut kien izur lill-attur waqt ix-xogholijiet fuq il-vettura huwa kien konsapevoli tax-xoghijiet li kienu qieghdin isiru izda qatt ma tah indikazzjoni li kellu jieqaf.

It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi l-attur ma pproduca l-ebda ricevuta ghal *parts* li huwa semma li kien hallas izda jifhem illi mhuwiex dejjem possibli f'dawn il-kazijiet li jinhargu ricevuti ta' *parts* godda izda ma tistax tigi eskluza l-possibilita' li setghu filfatt jintuzaw *parts* godda.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ipprova li x-ioghlijiet kienu saru sewwa u bil-kunsnens tal-konvenut. Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur lejn l-attur izda mhux fis-somma kif mitluba. Illi minhabba n-nuqqas ta' ricevuti t-Tribunal b'sens ta' gustizzja w ekwita' *arbitrio boni viri* ha jirriduci s-somma kif mitluba b'mitejn ewro. Illi l-kontestazzjoni min-naha tal-konvenut hija li x-xoghlijiet zejda ma kienux ordnati minnu w li x-xogholijiet ma kienux skont il-ftehim originali u ma gewx kompletati sewwa. It-Tribunal ra li l-konvenut ma gabx provi adegwati li jippruvaw li x-xogholijiet saru hazin. Illi ghalhekki il-konvenut naqas milli jipprova li l-vettura kif imsewwija mill-attur ma kienetx imsewwija tajba. Illi l-konvenut ma ppruvax illi l-ammont ahhari miftiehem minnu kien sar taht theddid u ghaldaqstant t-Tribunal jikkonferma li l-konvenut huwa debitur lejn l-attur fis-somma ridotta ta' €947.

It-Tribunal ghar-ragunijiet fuq moghtija jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur in parte filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur fis-somma limitata ta' disa' mija sebgha u erbghin ewro (€947) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza soportati terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------